2025/2058

15.10.2025

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2058

tal-14 ta' Ottubru 2025

li jemenda l-Annessi II u III u li jikkoreġi l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ikel maħsub għal użi nutrittivi partikolari

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel, u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom. Il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tinkludi, fost l-oħrajn, il-kategorija tal-ikel 13 "Oġġetti tal-ikel maħsuba għal użi nutrittivi partikolari kif definiti mid-Direttiva 2009/39/KE".

(2) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel, inklużi l-carriers, approvati għall-użu fl-addittivi tal-ikel, fl-enzimi tal-ikel, fl-aromatizzanti tal-ikel, fin-nutrijenti, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(3) Ċerti kategoriji tal-ikel, subkategoriji, dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet tal-użu fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jirreferu għad-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li kopriet l-ikel maħsub għal użi nutrittivi partikolari, u għal xi Direttivi tal-Kummissjoni dwar ikel bħal dan. Peress li dawk id-Direttivi tħassru bir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), dawk ir-referenzi jenħtieġ li jiġu aġġornati.

(4) Peress li l-kategorija tal-ikel 13 tirreferi għad-Direttiva 2009/39/KE, jenħtieġ li r-referenza tiġi sostitwita b'referenza għar-Regolament (UE) Nru 609/2013.

(5) Peress li l-kategoriji tal-ikel 13.1.1 u 13.1.2 jirreferu għad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE ([5]) u din id-Direttiva tħassret bir-Regolament (UE) Nru 609/2013, jenħtieġ li r-referenza tiġi sostitwita b'referenza għal dak ir-Regolament.

(6) Peress li n-noti f'qiegħ il-paġna 15, 43 u 44 tal-kategoriji tal-ikel 13.1.1 u 13.1.2 jinkludu referenzi għal Direttivi mħassra, jenħtieġ li r-referenzi jiġu aġġornati.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1333/oj.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1331/oj.
([3]) Id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari (ĠU L 124, 20.5.2009, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/39/oj).
([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/609/oj).
([5]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment u li temenda d-Direttiva 1999/21/KE (ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/141/oj).

(7) Il-kategorija tal-ikel 13.1.3 tirreferi għal ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u għal ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definiti mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE ([6]). Dawn il-prodotti issa huma definiti mir-Regolament (UE) Nru 609/2013 u għalhekk ir-referenza jenħtieġ li tiġi sostitwita.

(8) Il-kategorija tal-ikel 13.1.4 tkopri ikel ieħor għat-tfal żgħar, jiġifieri prodotti bbażati fuq il-ħalib għat-tfal żgħar għajr l-ikel imsemmi fis-subkategoriji l-oħra fil-kategorija tal-ikel 13. Peress li dawn il-prodotti ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 609/2013, huwa xieraq li titħassar dik il-kategorija 13.1.4 u li tinħoloq, għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-additttivi tal-ikel biss, subkategorija 01.10 ġdida tal-kategorija tal-ikel 01, "Prodotti tal-ħalib u analogi" għal dawk il-prodotti. Madankollu, il-lista ta' additttivi tal-ikel awtorizzati għall-użu u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom jenħtieġ li ma jiġux affettwati, u jenħtieġ li jitħassru biss ir-referenzi li jidhru irrilevanti.

(9) Peress li l-kategoriji tal-ikel 13.1.5 u 13.2 u s-subkategorija 13.1.5.2 jirreferu għad-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE ([7]) u din id-Direttiva tħassret bir-Regolament (UE) Nru 609/2013, jenħtieġ li r-referenzi jiġu sostitwiti b'referenzi għal dak ir-Regolament. Barra minn hekk, peress li l-kategorija tal-ikel 13.1.5 u s-subkategorija 13.1.5.1 jirreferu għal "formuli speċjali għat-trabi" u dak il-kunċett ma jintużax skont ir-Regolament (UE) Nru 609/2013, jenħtieġ li dik l-espressjoni titħassar.

(10) Il-kategorija tal-ikel 13.3 tkopri l-ikel djetetiku għal dieti ta' kontroll tal-piż maħsuba biex jissostitwixxu l-ikel totali li wieħed jiekol kuljum jew ikla individwali (id-dieta ta' kuljum totali kollha jew parti minnha). Peress li r-Regolament (UE) Nru 609/2013 ikopri biss is-sostituti tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż, ir-referenzi għall-kategorija tal-ikel 13.3 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq u l-ikel li jissostitwixxi wieħed jew tnejn mill-ikliet ewlenin ta' kuljum ta' dieta b'enerġija ristretta, b'sostituti tal-ikliet li jikkontribwixxu għat-telf fil-piż jew għaż-żamma tal-piż wara t-telf fil-piż, jenħtieġ li jiġi ttrasferit għall-kategorija tal-ikel 18 bħala subkategorija ġdida 18.2. Peress li r-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni ta' dan l-ikel li jista' jkollu l-indikazzjoni korrispondenti dwar is-saħħa huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 ([8]), it-titolu ta' din is-subkategorija l-ġdida jenħtieġ li jirreferi għal dak ir-Regolament.

(11) Il-kategorija tal-ikel 13.4 tkopri l-oġġetti tal-ikel adattati għal persuni li ma jittollerawx il-glutina kif iddefinit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 ([9]). Dan ir-Regolament tħassar bir-Regolament (UE) Nru 609/2013. Peress li l-kategorija 13 tkopri ikel għal skopijiet speċjali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 u dak ir-Regolament ma jkoprix ikel adattat għal persuni intolleranti għall-glutina, din il-kategorija tal-ikel jenħtieġ li tiġi mċaqalqa għall-kategorija tal-ikel 18 bħala subkategorija ġdida 18.3.

(12) Minħabba l-ħolqien tal-kategoriji ġodda tal-ikel 18.2 u 18.3, jeħtieġ li tinħoloq kategorija ġdida tal-ikel 18.1 li tkopri l-ikel ipproċessat mhux kopert mill-kategoriji 18.2 u 18.3, minbarra l-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar.

(13) Huwa xieraq ukoll li l-kodiċi E għall-additttiv tal-ikel advantame jiġi kkoreġut fil-kategoriji tal-ikel 13.2 u 13.3.

(14) Il-bidliet fil-kategoriji tal-ikel fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 introdotti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu riflessi fil-Partijiet A u D ta' dak l-Anness u fil-Parti 5, it-Taqsimiet A u B, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Għalhekk, jenħtieġ li dak l-Anness jiġi emendat kif xieraq.

(15) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jiġi emendat kif xieraq.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([6]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/125/oj).

([7]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar l-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali (ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1999/21/oj).

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 tas-16 ta' Mejju 2012 li jistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 136, 25.5.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/432/oj).

([9]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 tal-20 ta' Jannar 2009 li jikkonċerna l-kompożizzjoni u l-ittikkettjar ta' oġġetti tal-ikel għal dawk li ma taqbilx magħhom il-glutina (ĠU L 16, 21.1.2009, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/41/oj).

Artikolu 2

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa kkoreġut f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

1. fil-Parti A, it-Tabella 1, l-entrata 12 hija sostitwita b'dan li ġej:

"12	Għaġin xott, minbarra għaġin mingħajr glutina (bħala ikel prodott apposta biex inaqqas il-kontenut tal-glutina ta' ingredjenti li fihom il-glutina jew jissostitwixxi l-ingredjenti li fihom il-glutina), u għaġin maħsub għal dieti ipoproteiċi"

2. fil-Parti A, it-tabella 2, l-entrata 30 hija sostitwita b'dan li ġej:

"30	Xarbiet ibbażati fuq il-ħalib u prodotti simili maħsuba għat-tfal żgħar (*) u ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, inkluż ikel għal skopijiet mediċi speċjali għat-trabi u għat-tfal żgħar
(*) Kategorija ta' prodotti stabbilita għall-iskop uniku li jiġi rregolat l-użu tal-addittivi fl-ikel ikkonċernat.";	

3. fil-Parti D, l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata għall-kategorija 01.9 (Kaseinati li jittieklu):

"01.10	Xarbiet ibbażati fuq il-ħalib u prodotti simili maħsuba għat-tfal żgħar (*)
(*) Kategorija ta' prodotti stabbilita għall-iskop uniku li jiġi rregolat l-użu tal-addittivi fl-ikel ikkonċernat.";	

4. fil-Parti D, l-entrati għall-kategorija 13 (Oġġetti tal-ikel maħsuba għal użi nutrittivi partikolari kif definiti fid-Direttiva 2009/39/KE) u s-subkategoriji tagħha huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**13.**	**Ikel maħsub għal gruppi speċifiċi kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013**
13.1	Ikel għat-trabi u t-tfal żgħar
13.1.1	Formula tat-trabi kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013
13.1.2	Formula ta' prosegwiment kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013
13.1.3.	Ikel ipproċessat abbażi taċ-ċereali u ikel tat-trabi kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013
13.1.5	Ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar
13.1.5.1	Ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, maħsub għat-trabi
13.1.5.2	Ikel għal skopijiet mediċi speċjali, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, maħsub għat-trabi mill-età ta' erba' xhur u għat-tfal żgħar
13.2	Ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013(minbarra prodotti mill-kategorija tal-ikel 13.1.5)
13.3	Sostituti tad-dieta totali għall-kontroll tal-piż kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013"

5. fil-Parti D, l-entrata għall-kategorija 18 (Oġġetti tal-ikel ipproċessat mhux kopert mill-kategoriji 1 sa 17, minbarra oġġetti tal-ikel għal trabi u tfal żgħar) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**18.**	**Ikel ipproċessat mhux kopert mill-kategoriji 1 sa 17**
18.1	Ikel ipproċessat mhux kopert mill-kategoriji 18.2 u 18.3, minbarra l-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar
18.2	Sostituti tal-ikliet għall-kontroll tal-piż kif imsemmi fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 (*)
18.3	Ikel prodott apposta biex inaqqas il-kontenut tal-glutina ta' ingredjenti li fihom il-glutina jew jissostitwixxi l-ingredjenti li fihom il-glutina

(*) ĠU L 136, 25.5.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/432/oj.";

6. fil-Parti E, fil-kategorija 0 (Addittivi tal-ikel permessi fil-kategoriji kollha tal-ikel għajr l-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, ħlief fejn ikun stipulat speċifikament), l-entrati għal E 290 (Diossidu tal-karbonju), E 938 (Argon), E 939 (Elju), E 941 (Nitroġenu), E 942 (Ossidu nitruż), E 948 (Ossiġenu) u E 949 (Idroġenu) huma sostitwiti b'dan li ġej:

	"E 290	Diossidu tal-karbonju	*quantum satis*		jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
	E 938	Argon	*quantum satis*		jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
	E 939	Elju	*quantum satis*		jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
	E 941	Nitroġenu	*quantum satis*		jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II

	E 942	Ossidu nitruż	*quantum satis*		jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
	E 948	Ossiġenu	*quantum satis*		jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
	E 949	Idroġenu	*quantum satis*		jista' jintuża fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II"

7. fil-Parti E, l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata għall-kategorija 01.9 (Kaseinati li jittieklu):

"**01.10**	**Xarbiet ibbażati fuq il-ħalib u prodotti simili maħsuba għat-tfal żgħar** (*)				
	Il-livelli massimi tal-użu indikati jirreferu għal oġġetti tal-ikel lesti għall-konsum ippreparati skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur				
	Nota: Għall-manifattura tal-ħalib aċidifikat, jistgħu jintużaw kulturi mhux patoġeniċi li jipproduċu l-aċidu L(+)-lattiku				
	E 270	Aċidu lattiku	*quantum satis*		forma L(+) biss
	E 304(i)	Palmitat tal-L-askorbil	100	(19)	
	E 306	Estratt rikk fit-tokoferol	100	(19)	
	E 307	Alfa-tokoferol	100	(19)	
	E 308	Gamma-tokoferol	100	(19)	
	E 309	Delta-tokoferol	100	(19)	
	E 322	Leċitini	10 000	(14)	
	E 330	Aċidu ċitriku	*quantum satis*		
	E 331	Ċitrati tas-sodju	2 000	(1)	

	E 332	Ċitrati tal-potassju	*quantum satis*	(1)	
	E 338	Aċidu fosforiku		(1) (4)	
	E 339	Fosfati tas-sodju	1 000	(1) (4)	
	E 340	Fosfati tal-potassju	1 000	(1) (4)	
	E 407	Karraġenina	300		
	E 410	Gomma tal-ħarrub	10 000	(21)	
	E 412	Gomma tal-gwar	10 000	(21)	
	E 414	Gomma arabika	10 000	(21)	
	E 415	Gomma tal-ksantan	10 000	(21)	
	E 440	Pektini	5 000	(21)	
	E 471	Mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin	4 000	(14)	
	E 472c	Esteri tal-aċidu ċitriku tal-mono u d-digliċeridi tal-aċidi xaħmin	7 500	(14)	meta mibjugħ bħala trab biss
	E 472c	Esteri tal-aċidu ċitriku tal-mono u d-digliċeridi tal-aċidi xaħmin	9 000	(14)	biss meta jinbiegħ bħala likwidu fejn il-prodotti jkun fihom proteini, peptidi jew aċidi amminiċi parzjalment idrolizzati
	E 473	Esteri tas-sukrożju tal-aċidi xaħmin	120	(14)	fi prodotti li fihom proteini, peptidi jew aċidi amminiċi idrolizzati biss
	E 500	Karbonati tas-sodju	*quantum satis*		
	E 501	Karbonati tal-potassju	*quantum satis*		
	E 503	Karbonati tal-ammonju	*quantum satis*		

	E 507	Aċidu idrokloriku	*quantum satis*		għall-aġġustament tal-pH biss
	E 524	Idrossidu tas-sodju	*quantum satis*		għall-aġġustament tal-pH biss
	E 525	Idrossidu tal-potassju	*quantum satis*		għall-aġġustament tal-pH biss
	E 1404	Lamtu ossidizzat	50 000		
	E 1410	Fosfat tal-monolamtu	50 000		
	E 1412	Fosfat tad-dilamtu	50 000		
	E 1413	Fosfat tad-dilamtu fosfatat	50 000		
	E 1414	Fosfat tad-dilamtu aċetilat	50 000		
	E 1420	Lamtu aċetilat	50 000		
	E 1422	Adipat tad-dilamtu aċetilat	50 000		
	E 1450	Ottenilsuċċinat tas-sodju u tal-lamtu	50 000		
		(1): L-addittivi jistgħu jiġu miżjuda individwalment jew f'kombinament			
		(4): Il-livell massimu huwa espress bħala P_2O_5			
		(14): Jekk aktar minn waħda mis-sustanzi E 322, E 471, E 472c u E 473 tiżdied ma' oġġett tal-ikel, il-livell massimu stabbilit għal dak l-oġġett tal-ikel għal kull waħda minn dawk is-sustanzi jitnaqqas fi proporzjon mal-kwantità tas-sustanzi l-oħrajn li jkunu preżenti flimkien f'dak l-oġġett tal-ikel			
		(19): E 304, E 306, E 307, E 308 u E 309 huma awtorizzati individwalment jew f'kombinament			
		(21): E 410, E 412, E 414, E 415 u E 440 huma awtorizzati individwalment jew f'kombinament			

(*) Kategorija ta' prodotti stabbilita għall-iskop uniku li jiġi rregolat l-użu tal-addittivi fl-ikel ikkonċernat.";

8. fil-Parti E, l-entrata għall-kategorija 06.4.2 (Għaġin xott) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**06.4.2**	**Għaġin xott**				
	Grupp I	Addittivi			għaġin mingħajr glutina biss (bħala ikel prodott apposta biex inaqqas il-kontenut tal-glutina ta' ingredjenti li fihom il-glutina jew jissostitwixxi l-ingredjenti li fihom il-glutina) u għaġin maħsub għal dieti ipoproteiċi"

9. fil-Parti E, l-intestatura tal-kategorija 13 (Oġġetti tal-ikel maħsuba għal użi nutrittivi partikolari kif definiti mid-Direttiva 2009/39/KE) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**13**	**Ikel maħsub għal gruppi speċifiċi kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013**"

10. fil-Parti E, l-entrata għall-kategorija 13.1 (Ikel għal trabi u tfal żgħar) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**13.1**	**Ikel għat-trabi u t-tfal żgħar**
	IL-PARTI INTRODUTTORJA, TAPPLIKA GĦAS-SUBKATEGORIJI KOLLHA
	Il-livelli massimi tal-użu indikati jirreferu għal oġġetti tal-ikel lesti għall-konsum ippreparati skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur
	E 307, E 325, E 330, E 331, E 332, E 333, E 338, E 340, E 410, E472c u E 1450 għandhom jintużaw f'konformità mal-limiti stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013, fl-Annessi tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 (*), fl-Annessi tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/128 (**) u fl-Annessi tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE (***)

(*) ĠU L 25, 2.2.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/127/oj.
(**) ĠU L 25, 2.2.2016, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/128/oj.
(***) ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/125/oj.";

11. fil-Parti E, l-intestatura tal-kategorija 13.1.1 (Formuli tat-trabi kif definiti mid-Direttiva 2006/141/KE) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**13.1.1**	**Formuli tat-trabi kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 609/2013**"

12. fil-Parti E, in-nota f'qiegħ il-paġna (15) għall-kategoriji 13.1.1 u 13.1.2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"(15): E 339 u E 340 huma awtorizzati individwalment jew f'kombinament u f'konformità mal-limiti stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 u fl-Annessi tar-Regolament Delegat (UE) 2016/127"

13. fil-Parti E, in-nota f'qiegħ il-paġna (43) għall-kategoriji 13.1.1 u 13.1.2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"(43): E 331 u E 332 huma awtorizzati individwalment jew f'kombinament u f'konformità mal-limiti stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 u fl-Annessi tar-Regolament Delegat (UE) 2016/127"

14. fil-Parti E, in-nota f'qiegħ il-paġna (44) għall-kategoriji 13.1.1 u 13.1.2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"(44): F'konformità mal-limiti stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 u fl-Annessi tar-Regolament Delegat (UE) 2016/127"

15. fil-Parti E, l-intestatura tal-kategorija 13.1.2 (Formula li ssegwi kif definita mid-Direttiva 2006/141/KE) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**13.1.2**	**Formuli ta' prosegwiment kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 609/2013**"

16. Fil-Parti E, l-intestatura tal-kategorija 13.1.3 (Ikel abbażi ta' ċereali pproċessat u ikel tat-trabi għal trabi u tfal żgħar kif definiti mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE) hija sostitwita b'dan li ġej:

"13.1.3.	**Ikel ipproċessat abbażi taċ-ċereali u ikel tat-trabi kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013**"

17. fil-Parti E, titħassar l-entrata għall-kategorija 13.1.4 (Ikel ieħor għat-tfal żgħar);

18. fil-Parti E, l-intestatura tal-kategorija 13.1.5 (Ikel djetetiku għal trabi u tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali kif definit mid-Direttiva 1999/21/KE u formuli speċjali għal trabi) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**13.1.5**	**Ikel għal skopijiet mediċi speċjali, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar**"

19. fil-Parti E, l-intestatura tal-kategorija 13.1.5.1 (Ikel djetetiku għal trabi u tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali u formuli speċjali għal trabi) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**13.1.5.1**	**Ikel għal skopijiet mediċi speċjali, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, maħsub għat-trabi**"

20. Fil-Parti E, l-intestatura tal-kategorija 13.1.5.2 (Ikel djetetiku għal trabi u tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali kif definiti fid-Direttiva 1999/21/KE) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**13.1.5.2**	**Ikel għal skopijiet mediċi speċjali, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, maħsub għat-trabi mill-età ta' erba' xhur u għat-tfal żgħar**"

21. Fil-Parti E, l-intestatura tal-kategorija 13.2 (Ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali kif definiti mid-Direttiva 1999/21/KE (minbarra prodotti mill-kategorija tal-ikel 13.1.5)) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**13.2**	**Ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 (minbarra prodotti mill-kategorija tal-ikel 13.1.5)**"

22. fil-Parti E, l-intestatura tal-kategorija 13.3 (Ikel djetetiku għal dieti ta' kontroll tal-piż maħsuba biex jissostitwixxu l-ikel totali li wieħed jiekol kuljum jew ikla individwali (id-dieta ta' kuljum totali kollha jew parti minnha)) hija sostitwita b'dan li ġej:

"**13.3**	**Sostituti tad-dieta totali għall-kontroll tal-piż kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013**"

23. fil-Parti E, l-entrata għall-kategorija 13.4 (Oġġetti tal-ikel adattati għal persuni li ma jittollerawx il-glutina kif definit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009) titħassar;

24. fil-Parti E, l-entrata għall-kategorija 18 (Oġġetti tal-ikel ipproċessat mhux kopert mill-kategoriji 1 sa 17, minbarra oġġetti tal-ikel għal trabi u tfal żgħar) hija sostitwita u jiddaħħlu entrati ġodda għall-kategoriji 18.1 sa 18.3 kif ġej:

"**18**	**Ikel ipproċessat mhux kopert mill-kategoriji 1 sa 17**				
18.1	**Ikel ipproċessat mhux kopert mill-kategoriji 18.2 u 18.3, minbarra l-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar**				
	Grupp I	Addittivi			
18.2	**Sostituti tad-dieta għall-kontroll tal-piż kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 432/2012**				
	Grupp I	Addittivi			
	Grupp II	Kuluri fi *quantum satis*	*quantum satis*		
	Grupp III	Kuluri b'limitu massimu kkombinat	50		
	Grupp IV	Polijoli	*quantum satis*		
	E 104	Isfar tal-kinolina	10	(61)	
	E 110	Sunset Yellow FCF/Orange Yellow S	10	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Cochineal Red A	10	(61)	
	E 160b	Likopen	30		
	E 200-213	Aċidu sorbiku – sorbat tal-potassju; Aċidu benżojku — benżoati	1 500	(1) (2)	
	E 338-452	Aċidu fosforiku – fosfati – di-, tri- u polifosfati	5 000	(1) (4)	
	E 405	alġinat tal-propan-1, 2-diol	1 200		
	E 432-436	Polisorbati	1 000	(1)	
	E 473-474	Esteri tas-sukrożju tal-aċidi xaħmin - sukrogliċeridi	5 000	(1)	
	E 475	Esteri tal-poligliċerol tal-aċidi xaħmin	5 000		
	E 477	Esteri tal-Propan-1,2-diol tal-aċidi xaħmin	1 000		

	E 481-482	Stearojl-2-lattilati	2 000	(1)	
	E 491-495	Esteri tas-sorbitan	5 000	(1)	
	E 950	Aċesulfam K	450		
	E 951	Aspartam	800		
	E 952	Aċidu ċiklamiku u l-imlieħ Na u Ca tiegħu	400	(51)	
	E 954	Zakkarina u l-imlieħ Na, K u Ca tagħha	240	(52)	
	E 955	Sukraloża	320		
	E 959	Neoesperidina DC	100		
	E 960a – 960d	Glikosidi tal-istevjol	270	(1) (60)	
	E 961	Neotam	26		
	E 962	Melħ tal-aspartam-aċesulfam	450	(11)a (49) (50)	
	E 969	Advantam	8		
		(1): L-addittivi jistgħu jiġu miżjuda individwalment jew f'kombinament			
		(2): Il-livell massimu huwa applikabbli għas-somma u l-livelli huma espressi bħala l-aċidu liberu			
		(4): Il-livell massimu huwa espress bħala P_2O_5			
		(11): Il-limiti huma espressi bħala (a) ekwivalenti ta' aċesulfam K jew (b) ekwivalenti ta' aspartam			
		(49): Il-livelli massimi li jistgħu jintużaw jiġu derivati mil-livelli massimi li jistgħu jintużaw għall-partijiet kostitwenti tiegħu, aspartam (E 951) u aċesulfam K (E 950)			
		(50): Il-livelli kemm għal E 951 u kif ukoll għal E 950 ma għandhomx jinqabżu bl-użu tal-melħ tal-aspartam-aċesulfam, la waħdu u lanqas f'kombinament ma' E 950 jew E 951			
		(51): Il-livelli massimi li jistgħu jintużaw huma espressi f'aċidu liberu			
		(52): Il-livelli massimi li jistgħu jintużaw huma espressi f'immidi liberi			
		(60): espressi bħala ekwivalenti tal-istevjol			
		(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbżu l-massimu elenkat għal Grupp III			

18.3	**Ikel prodott apposta biex inaqqas il-kontenut tal-glutina ta' ingredjenti li fihom il-glutina jew jissostitwixxi l-ingredjenti li fihom il-glutina**"				
	Il-prodotti f'din il-kategorija jistgħu jużaw ukoll addittivi li huma permessi fil-kategoriji korrispondenti tal-kontropartijiet tal-ikel				
	Grupp I	Addittivi			Inkluż l-għaġin xott
	Grupp II	Kuluri fi *quantum satis*	*quantum satis*		
	Grupp IV	Polijoli	*quantum satis*		
	E 338-452	Aċidu fosforiku – fosfati – di-, tri- u polifosfati	5 000	(1) (4)	
	Barra minn hekk, l-addittivi kollha fil-kontropartijiet li fihom il-glutina huma awtorizzati				
		(1): L-addittivi jistgħu jiġu miżjuda individwalment jew f'kombinament			
		(4): Il-livell massimu huwa espress bħala P2O5."			

ANNESS II

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

1. fid-definizzjonijiet, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. "nutrijenti" għall-finijiet ta' dan l-Anness tfisser vitamini, minerali u sustanzi oħra miżjuda għal finijiet nutrittivi, kif ukoll is-sustanzi miżjuda għal finijiet fiżjoloġiċi kif kopert bir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), id-Direttiva 2002/46/KE u r-Regolament (UE) Nru 609/2013.

(*) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1925/oj.";

2. fil-Parti 5, it-Taqsima A, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— Addittivi tal-ikel bin-nutrijenti miżjuda ħlief nutrijenti maħsuba biex jintużaw fl-oġġetti tal-ikel elenkati fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II u l-oġġetti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar elenkati fil-Parti E, il-punt 13.1, tal-Anness II:";

3. fil-Parti 5, it-Taqsima B, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— L-addittivi tal-ikel bin-nutrijenti miżjuda maħsuba biex jintużaw fl-oġġetti tal-ikel elenkati fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II u l-oġġetti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar elenkati fil-Parti E, il-punt 13.1, tal-Anness II:";

4. fil-Parti 5, it-Taqsima B, it-tabella hija sostitwita b'li ġej:

"Numru E tal-addittiv tal-ikel	Isem l-addittiv tal-ikel	Livell massimu	Nutrijent li miegħu jista' jiżdied l-addittiv tal-ikel	Kategorija tal-ikel
E 301	Askorbat tas-sodju	100 000 mg/kg fi preparat tal-vitamina D u massimu ta' trasferiment ta' 1 mg/l fl-ikel finali	Preparati tal-vitamina D	Formula tat-trabi u formula tal-prosegwiment kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 609/2013
		50 000 mg/kg fi preparat tal-vitamina A mikroinkapsulata u massimu ta' trasferiment ta' 1 mg/l fl-ikel finali	Preparati tal-vitamina A mikroinkapsulata	Formula tat-trabi u formula tal-prosegwiment kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013
		Trasferiment totali ta' 75 mg/l	Kisjiet ta' preparati tan-nutrijenti li fihom l-aċidi xaħmin poliinsaturati	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
E 304(i)	Palmitat tal-askorbil	Għall-użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punti 01.10 u 13.1, tal-Anness II ma jinqabiżx	In-nutrijenti kollha	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
E 306 E 307 E 308 E 309	Estratt rikk fit-tokoferol Alfa-tokoferol Gamma-tokoferol Delta-tokoferol	Għall-użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punti 01.10 u 13.1, tal-Anness II ma jinqabiżx	In-nutrijenti kollha	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II

"Numru E tal-addittiv tal-ikel	Isem l-addittiv tal-ikel	Livell massimu	Nutrijent li miegħu jista' jiżdied l-addittiv tal-ikel	Kategorija tal-ikel
E 322	Leċitini	Għall-użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punti 01.10 u 13.1, tal-Anness II ma jinqabiżx	In-nutrijenti kollha	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
E 330	Aċidu ċitriku	*quantum satis*	In-nutrijenti kollha	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
E 331	Ċitrati tas-sodju	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punti 01.10 u 13.1 tal-Anness II ma jinqabiżx u l-kundizzjonijiet tal-użu speċifikati hemmhekk jiġu rispettati	In-nutrijenti kollha	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
E 332	Ċitrati tal-potassju	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punti 01.10 u 13.1, tal-Anness II ma jinqabiżx u l-kundizzjonijiet tal-użu speċifikati hemmhekk jiġu rispettati	In-nutrijenti kollha	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
E 333	Ċitrati tal-kalċju	Trasferiment totali ta' 0,1 mg/kg espress bħala kalċju u fil-limitu tal-livell tal-kalċju u tal-proporzjon tal-fosforu u tal-kalċju kif stabbilit għall-kategorija tal-ikel	In-nutrijenti kollha	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
E 341(iii)	Fosfat tat-trikalċju	Trasferiment massimu ta' 150 mg/kg espress bħala P_2O_5 u fil-limitu għall-kalċju, il-fosforu u l-proporzjon kalċju:fosforu kif stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2016/127	In-nutrijenti kollha	Formula tat-trabi u formula tal-prosegwiment kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 609/2013
		Il-livell massimu ta'1 000 mg/kg espress bħala P_2O_5 mill-użi kollha fl-ikel finali msemmija fil-Parti E, il-punt 13.1.3, tal-Anness II huwa rispettat	In-nutrijenti kollha	Ikel ipproċessat abbażi taċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013

"Numru E tal-addittiv tal-ikel	Isem l-addittiv tal-ikel	Livell massimu	Nutrijent li miegħu jista' jiżdied l-addittiv tal-ikel	Kategorija tal-ikel
E 401	Alġinat tas-sodju	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-punt 13.1.3 tal-Parti E tal-Anness II ma jinqabiżx	In-nutrijenti kollha	Ikel ipproċessat abbażi taċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013
E 402	Alġinat tal-potassju	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punti 01.10 u 13.1.3, tal-Anness II ma jinqabiżx	In-nutrijenti kollha	Ikel ipproċessat abbażi taċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013
E 404	Alġinat tal-kalċju	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-punt 13.1.3 tal-Parti E tal-Anness II ma jinqabiżx	In-nutrijenti kollha	Ikel ipproċessat abbażi taċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013
E 414	Gomma arabika	150 000 mg/kg fil-preparat tan-nutrijenti u trasferiment ta' 10 mg/kg fil-prodott finali	In-nutrijenti kollha	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
E 415	Gomma tal-ksantan	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-punt 13.1.3 tal-Parti E tal-Anness II ma jinqabiżx	In-nutrijenti kollha	Ikel ipproċessat abbażi taċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013
E 421	Mannitol	1 000 darba iżjed mill-vitamina B12, 3 mg/kg ta' trasferiment totali	Bħala carrier għall-vitamina B12	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
E 440	Pektini	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-punt 13.1 tal-Parti E tal-Anness II ma jinqabiżx	In-nutrijenti kollha	Formula ta' prosegwiment u ikel ipproċessat abbażi taċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013

"Numru E tal-addittiv tal-ikel	Isem l-addittiv tal-ikel	Livell massimu	Nutrijent li miegħu jista' jiżdied l-addittiv tal-ikel	Kategorija tal-ikel
E 466	Karbossimetilċellulożа tas-sodju, gomma taċ-ċelluloża	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-punt 13.1.5 tal-Parti E tal-Anness II ma jinqabiżx Sas-26 ta' April 2027 biss ([1])	In-nutrijenti kollha	Ikel għal skopijiet mediċi speċjali, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013, maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar
E 471	Mono- u digliċeridi tal-aċidi xaħmin	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punti 01.10 u 13.1 tal-Anness II ma jinqabiżx u l-kundizzjonijiet tal-użu speċifikati hemmhekk jiġu rispettati	In-nutrijenti kollha	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
E 472c	Esteri tal-aċidu ċitriku tal-mono u d-digliċeridi tal-aċidi xaħmin	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-Parti E, il-punti 01.10 u 13.1, tal-Anness II ma jinqabiżx	In-nutrijenti kollha	Formoli tat-trabi u formoli ta' prosegwiment għat-trabi u t-tfal żgħar f'saħħithom
E 551	Diossidu tas-siliċju	10 000 mg/kg fil-preparati tan-nutrijenti	Preparati xotti tan-nutrijenti fi trab	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
E 1420	Lamtu aċetilat	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-punt 13.1.3 tal-Parti E tal-Anness II ma jinqabiżx	In-nutrijenti kollha	Ikel ipproċessat abbażi taċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013
E 1450	Ottenilsuċċinat tas-sodju u tal-lamtu	Trasferiment ta' 100 mg/kg	Preparati tal-vitamini	Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar u ikel imsemmi fil-Parti E, il-punt 01.10, tal-Anness II
		Trasferiment ta' 1 000 mg/kg	Preparati tal-aċidi xaħmin poliinsaturati	
E 1451	Lamtu ossidat aċetilat	Għal użi fil-preparati tan-nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-punt 13.1.3 tal-Parti E tal-Anness II ma jinqabiżx	In-nutrijenti kollha	Ikel ipproċessat abbażi taċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013

([1]) ĠU L, 2025/666, 7.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/666/oj.".

ANNESS III

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa kkoreġut kif ġej:

1. fil-Parti E, fil-kategorija 13.2 (Ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali kif iddefiniti bid-Direttiva 1999/21/KE (minbarra prodotti mill-kategorija tal-ikel 13.1.5)), l-entrata għall-advantam hija sostitwita b'dan li ġej:

	"E 969	Advantam	10"			

2. fil-Parti E, fil-kategorija 13.3 (Ikel djetetiku għal dieti ta' kontroll tal-piż maħsuba biex jissostitwixxu l-ikel totali li wieħed jiekol kuljum jew ikla individwali (id-dieta ta' kuljum totali kollha jew parti minnha)), l-entrata għall-advantam hija sostitwita b'dan li ġej:

	"E 969	Advantam	8"		